302

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
18 NOV 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

10th November 2022

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/3375/22* |
| *Lokazzjoni:* | *249, Triq is-Swieqi c/w Triq il-Molletta, Swieqi* |
| *Proposta:* | *Change of use from Class 4B shop to Class 4C to sell coffee and warm snacks* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Shephard Gordon**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2022, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 3375/22.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) il-permess gie michud u d-decizjoni giet ippublikata fid- 19 ta' Ottubru 2022.

Bid-dovut rispett, l-appellanti jhossuhom aggravati minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottomettu dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti tissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi huwa car illi l-Awtorita ma qiesitx it-talba b' mod korrett u dan johrog car mill-assessment tal-Case Officer Report.

*1.2* Illi l-Awtorita qieset biss il-kwistjoni ta' fejn jinsab is-sit minnghajr kuniderazzjonijiet ulterjuri a bazi ta' l-artikolu 72 tal- Kap. 552.

*1.3* Illi l-Awtorita agixxiet b' mod differenti f' numru ta' kazijiet fil-lokalita in kwistjoni fostom PA 4172/18; PA 7924/18, PA 9273/18, PA 6772/21.

*1.4* Issir referenza ghall- PA 3770/20 fejn l-Awtorita fil-fatt iggustifikat il-permess a bazi ta' l-artikolu 72(2)(d) u mhux a bazi tal- Flexibility Policy.

1.5 Illi l-Appellanti jehtiegu tali zvilupp minhabba l-operat taghhom, u ghamlu sottomissjonijiet cari illi dak propost ma kien ser jikkawza l-ebda impatt.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**

Xhieda:

L-appellant, konsulenti, enetitajiet governattivi u regolatorji u terzi persuni sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**